**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 64/15VG**

**ISD Company Limited**

**Vs**

**Direttur Ġenerali (Dwana)**

**Illum 27 ta' Ottubru 2022**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat mis-soċjetà ISD Company Limited fl-24 ta' Novembru 2015 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal: (i) jiddikjara li l-importazzjoni minnha ta' pannelli fotovoltaiċi b'TDID No. 2015602411110, ġiet klassifikata skorrettament mill-intimat; (ii) jiddikjara li l-importazzjoni minnha ta' pannelli fotovoltaiċi b'TDID No. 2015602411110 għandha tiġi klassifikata taħt H.S. Code 8541.40; (iii) jordna lill-intimat jikklassifika l-importazzjoni minnha ta' pannelli fotovoltaiċi b'TDID No. 2015602411110 taħt H.S. Code 8541.40; (iv) jordna lill-intimat jiffirondi dik is-somma li għandha tiġi rifuża lura lilha b'konsegwenza tar-riklassifikazzjoni ordnata mill-istess Tribunal; (v) jieħu dawk il-provvedimenti ulterjuri li jidhrulu xierqa u opportuni;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "ISD1" sa' Dok. "ISD7" a fol. 6 sa' 21 tal-proċess;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema joġġezzjona għat-talbiet tas-soċjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra tagħha, stante li: (i) in linea preliminari, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni mhux il-leġittimu kontradittur fl-azzjoni odjerna ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa d-Direttur Ġenerali (Dwana) li huwa responsabbli mill-materja mertu tal-proċeduri; (ii) fil-mertu u bla preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari, it-talbiet kif dedotti fir-Rikors promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma insostenibbli fil-konfront tad-Direttur Ġenerali (Dwana) ai termini tal-provvedimenti tal-Kap.37 u tal-Kap. 337 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi: (i) il-pannelli fotovoltaiċi importati mis-soċjetà Rikorrenti ġew minnha dikjarati taħt HS Code 8541409021 B794, iżda minn spezzjoni ta' dawn il-pannelli fotovoltaiċi

rriżulta li l-istess ma kienux konformi mad-deskrizzjoni ta' l-HS Code kif dikjarat mis-soċjetà Rikorrenti iżda kellhom jiġu dikjarati taħt HS Code 8501612041; (ii) dak allegat mis-soċjetà Rikorrenti huwa għal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt stante li l-pannelli fotovoltaiċi importati minnha jaqgħu taħt id-deskrizzjoni ta' Electric Motors and Generators (excluding generating sets) abbinata ma' l-HS Code li tibda bin-numru 8501. Dana l-HS Code ikompli jinfirex f'sub-diviżjonijiet li huma rappreżentati b'numri oħra ta' referenza addizzjonali ma' l-istess numri 8501. Dan isir skond, fost kriterji oħra, varjazzjonijiet tekniċi tal-prodotti in kwistjoni. Bis-sistema ta' sub-diviżijonijiet numerika ta' l-oġġett importat skond il-karatteristiċi uniċi tiegħu, il-klassifikazzjoni tkun iktar preċiża u ma tħallix lok għal interpretazzjoni żbaljata; (iii) a kuntrarju ta' dak allegat mis-soċjetà Rikorrenti, iċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami jaqgħu fl-ambitu ta' l-HS Code 8501612041 li hi applikata mid-Dwana, kif ser jiġi pruvat waqt is-smigħ tal-proċeduri;

Ra li b'Digriet datat 14 ta' April 2016[1], it-Tribunal ordna korrezzjoni fl-okkju tal-proċeduri fis-sens illi l-kliem "Kummissarju tat-Taxxi Interni" jiġu kkanċellati u sostitwixi bil-kliem "Direttur Ġenerali (Dwana)";

Sema' x-xhieda ta' Rita Borg, Direttur tas-soċjetà Rikorrenti, mogħtija waqt is-seduti tad-19 ta' Jannar 2017[2] u tal-21 ta' Marzu 2017[3] u ra d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "RB1" sa' Dok. "RB5" a fol. 55 sa' 109 tal-proċess, sema' x-xhieda ta' l-Inġinier Mario Galea mogħtija waqt is-seudta tal-21 ta' Marzu 2017[4] u ra d-dokument esebit minnu markat Dok. "MG1" a fol. 120 tal-proċess, sema' x-xhieda ta' William Grech mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Mejju 2017[5] u x-xhieda ta' Mark Cassar Parnis, Officer In Charge BTIU, mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Diċembru 2017[6] u ra d-dokument esebit minnu markat Dok. "MS1" a fol. 160 sa' 167 tal-proċess, sema' x-xhieda tal-Professur Maurice Apap mogħtija waqt is-seduti tas-17 ta' April 2018[7] u tas-s26 ta' Frar 2019[8] u ra r-Rapport ta' Kjarifika tal-Professur Maurice Apap esebit a fol. 198 sa' 204 tal-proċess, ra d-dokumenti markati Dok. "ISD1" u Dok. "ISD2" esebiti mis-soċjetà Rikorrenti permezz ta' Nota ppreżentata fit-23 ta' Ottubru 2018, fol. 189 sa' 193 tal-proċess;

Ra d-Digriet datat 29 ta' Mejju 2017[9] in forza ta' liema d-Direttur Ġenerali (Dwana) ġie ordnat jesebixxi, permezz ta' Nota Ġuramentata, vera kopja integra tal-file, inkluż għalhekk il-minuti, relattiv għas-soċjetà Rikorrenti pertinenti għall-każ in eżami;

Ra vera kopja tal-file tad-Dipartiment tad-Dwana relattiv għas-soċjetà Rikorrenti u pertinenti għall-każ in eżami, esebit mid-Direttur Ġenerali (Dwana) peremzz ta' Nota ppreżentata fit-3 ta' Lulju 2017[10];

[1] Fol. 49 tal-proċess.
[2] Fol. 110 sa' 118 tal-proċess.
[3] Fol. 131 sa' 136 tal-proċess.
[4] Fol. 121 sa' 130 tal-proċess.
[5] Fol. 138 sa' 142 tal-proċess.
[6] Fol. 168 sa' 170 tal-proċess.
[7] Fol. 178 sa' 187 tal-proċess.
[8] Fol. 205 sa' 211 tal-proċess.
[9] Fol. 144 sa' 150 tal-proċess.
[10] Il-file miżmum fis-sigrieta u mhux fir-Reġistru.

Ra li b'Digriet datat 6 ta' Lulju 2021[11], it-Tribunal għalaq l-istadju tas-sottomissjonijiet tas-soċjetà Rikorrenti u ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-Direttur Ġenerali (Dwana) a fol. 229 sa' 234 tal-proċess;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

F'Settembru 2015 is-soċjetà Rikorrenti importat 728 pannelli fotovoltaiċi skond dikjarazzjoni mad-Dipartiment tad-Dwana bin-Numru ta' Referenza TDID 2015602411110. Is-soċjetà Rikorrenti ddikjarat li dawn il-pannelli fotovoltaiċi minnha importati jaqgħu taħt HS Code 8541409021 B794, bil-konsegwenza għalhekk li fuq tali importazzjoni ma jiġi impost l-ebda dazju u lanqas jiġu imposti *anti-dumping & countervailing duty*. Għal finijiet ta' rilaxx ta' tali pannelli fotovoltaiċi, l-istess ġew spezzjonati minn uffiċjali tad-Dipartiment tad-Dwana li kellhom l-inkarigu jivverifikaw li l-pannelli fotovoltaiċi attwalment importati kienu jirriflettu u jirrispekkjaw l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni ta' importazzjoni.

Permezz ta' email datata 10 ta' Settembru 2015[12], is-soċjetà Rikorrenti ġiet infurmata li *reference is made to your importation as per TDID No. 2015602411110 of solar panels complete with optimiser under H.S. Code 8541 with preferential code B794. Please be informed that subsequent to investigation carried out, Malta Customs decided that the correct H.S. Code should read 8501. Please note further that this H.S. Code does not cover the preferential code with regards to the presented Certificate of Undertaking. You will soon be receiving a post-entry claim which is self-explanatory*. Permezz ta' email datata 10 ta' Settembru 2015[13], l-Avukat Dr. Mark Vassallo għas-soċjetà Rikorrenti talab lil William Grech, dak iż-żmien Director Compliance & Systems fi ħdan id-Dipartiment tad-Dwana, sabiex jagħtih il-motivazzjonijiet bil-miktub wara d-deċiżjoni tad-Dipartiment.

Permezz ta' email datata 14 ta' Settembru 2015[14], William Grech għarraf lill-Avukat Dr. Mark Vassallo illi *our decision was based on the fact that the solar panels in question were imported with an optimiser, as already discussed with your good selves in our meeting of 3/9/2015. These optimisers carry, amongst other things a blocking diode. Blocking diodes specifically fall under H.S. Code 8501. Also, as already explained, this code does not carry any preferential code. Therefore, all applicable duties/taxes are to be paid.*

Is-soċjetà Rikorrenti ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Dwana) fil-konfront tagħha u resqet appell bil-miktub kif provdut fl-Artikolu 9 tal-Kap.337 tal-Liġijiet ta' Malta[15], fejn wara li esponiet l-aggravji tagħha kontra tali deċiżjoni talbet lid-Direttur Ġenerali (Dwana) sabiex jirrivedi d-deċiżjoni ta' l-10 ta' Settembru 2015, flimkien mal-motivazzjoni dwara d-deċiżjoni datata 14 ta' Settembru 2015,

[11] Fol. 227 tal-proċess.
[12] Dok. "ISD1" a fol. 6 tal-proċess.
[13] Dok. "ISD2" a fol. 7 tal-proċess.
[14] Dok. "ISD2" a fol. 7 tal-proċess.
[15] Dok. "ISD6" a fol. 16 sa' 20 tal-proċess.

rigward l-importazzjoni ta' pannelli fotovoltaiċi b'TDID No. 2015602411110. B'deċiżjoni datata 23 ta' Ottubru 2015[16], id-Direttur Ġenerali (Dwana) għarraf lis-soċjetà Rikorrenti li *we are in receipt of your letter dated 22nd September 2015 following our decision dated 10th September 2015. May I draw your attention to the fact that: 1. The Undertaking qualification to Hefei JA Solar Technology Co. Ltd. applies only if the importation is classifiable under H.S. Code 85.41; 2. Customs insists that these panels should have been classified under H.S. Code 85.01 which excludes such qualification; 3. The Combined Nomenclature explanatory notes to CN heading 8541 clearly states that PV Panels that are equipped with blocking diodes are excluded from CN heading 8541. This is very clearly indicated in the explanatory notes; 4. It seems that this important factor was not given its due consideration by your clients and their expert (Eng. Mario Galea); 5. The optimisers quoted do not contain a bypass diode, but a blocking diode, as already explained in point 3 above; 6. Please note that any typing error by the customs officer that may have occurred during the examination process of these panels was immediately rectified. Please be informed that after having taken all these facts into consideration again in terms of Chapter 337, Import Duties Act, Article 9, the Director General is hereby confirming his final decision that the importation under review should have been classified under H.S. Code 85.01 and thus the full amount as indicated in our registered mail of 11th September 2015 is due to Customs. Kindly effect payment at your earliest.*

Il-pagament pretiż mid-Direttur Ġenerali (Dwana) jammonta għal **€81,103**, konsistenti fis-somma ta' €3,131 rappreżentanti dazju, fis-somma €59,725 rappreżentanti *anti-dumping duty*, fis-somma ta' €5,799 rappreżentanti *countervailing duty* u fis-somma ta' €12,358 rappreżentanti taxxa fuq il-valur miżjud[17].

Is-soċjetà Rikorrenti ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-23 ta' Ottubru 2015 (hawn iktar 'l quddiem indikata bħala d-Deċiżjoni) u interponiet dan l-appell minnha. Hija titlob li t-Tribunal: (i) jiddikjara li l-importazzjoni minnha ta' pannelli fotovoltaiċi b'TDID No. 2015602411110, ġiet klassifikata skorrettament mid-Direttur Ġenerali (Dwana); (ii) jiddikjara li l-importazzjoni minnha ta' pannelli fotovoltaiċi b'TDID No. 2015602411110 għandha tiġi klassifikata taħt H.S. Code 8541.40; (iii) jordna lid-Direttur Ġenerali (Dwana) jikklassifika l-importazzjoni minnha ta' pannelli fotovoltaiċi b'TDID No. 2015602411110 taħt H.S. Code 8541.40; (iv) jordna lid-Direttur Ġenerali (Dwana) jiffirondi dik is-somma li għandha tiġi rifuża lura lilha b'konsegwenza tar-riklassifikazzjoni ordnata mill-istess Tribunal; u (v) jieħu dawk il-provvedimenti ulterjuri li jidhrulu xierqa u opportuni.

L-appell mid-Deċiżjoni huwa essenzjalment ibbażat fuq l-aggravju ċentrali li d-Direttur Ġenerali (Dwana), tramite l-Uffiċjali tiegħu, ta interpretazzjoni skorretta ta' l-HS Code 8541, fis-sens illi l-HS Code 8541 ma jeskludix pannelli fotovotaiċi sempliċement għaliex ikun fihom xi tip ta' "element" bħal "blocking diode". Sabiex ikun hemm esklużjoni taħt l-HS Code 8541 trid tirriżulta l-preżenza ta' *'elements' which supply the power directly to, for example, a motor or electrolyser*. Apparte minn hekk, dawn l-istess pannelli fotovoltaiċi qed jiġu importanti fl-Olanda taħt l-

[16] Dok. "ISD7" a fol. 21 tal-proċess.
[17] Dok. "RB2" a fol. 57 tal-proċess.

HS Code 8541, kif jirriżulta mill-fattur anness mar-Rikors promotur markata Dok. "ISD5" a fol. 14 u 15 tal-proċess.

Id-Direttur Ġenerali (Dwana) jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mid-Deċiżjoni u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija Deċiżjoni tiġi kkonfermata stante li: (i) in linea preliminari, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni mhux il-leġittimu kontradittur fl-azzjoni odjerna ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa d-Direttur Ġenerali (Dwana) li huwa responsabbli mill-materja mertu tal-proċeduri; (ii) fil-mertu u bla preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari, it-talbiet kif dedotti fir-Rikors promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma insostenibbli fil-konfront tad-Direttur Ġenerali (Dwana) ai termini tal-provvedimenti tal-Kap.37 u tal-Kap. 337 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi: (i) il-pannelli fotovoltaiċi importati mis-soċjetà Rikorrenti ġew minnha dikjarati taħt HS Code 8541409021 B794, iżda minn spezzjoni ta' dawn il-pannelli fotovoltaiċi rriżulta li l-istess ma kienux konformi mad-deskrizzjoni ta' l-HS Code kif dikjarat mis-soċjetà Rikorrenti iżda kellhom jiġu dikjarati taħt HS Code 8501612041; (ii) dak allegat mis-soċjetà Rikorrenti huwa għal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt stnate li l-pannelli fotovoltaiċi importati minnha jaqgħu taħt id-deskrizzjoni ta' Electric Motors and Generators (excluding generating sets) abbinata ma' l-HS Code li tibda bin-numru 8501. Dana l-HS Code ikompli jinfirex f'sub-diviżjonijiet li huma rappreżentati b'numri oħra ta' referenza addizzjonali ma' l-istess numri 8501. Dan isir skond, fost kriterji oħra, varjazzjonijiet tekniċi tal-prodotti in kwistjoni. Bis-sistema ta' sub-diviżijonijiet numerika ta' l-oġġett importat skond il-karatteristiċi uniċi tiegħu, il-klassifikazzjoni tkun iktar preċiża u ma tħallix lok għal interpretazzjoni żbaljata; (iii) a kuntrarju ta' dak allegat mis-soċjetà Rikorrenti, iċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami jaqgħu fl-ambitu ta' l-HS Code 8501612041 li hi applikata mid-Dwana.

Fuq talba tas-soċjetà Rikorrenti mhux kontestata mid-Direttur Ġenerali (Dwana), it-Tribunal, b'Digriet datat 14 ta' April 2016[18], ordna korrezzjoni fl-okkju tal-proċeduri fis-sens illi l-kliem "Kummissarju tat-Taxxi Interni" jiġu kkanċellati u minflok sostitwiti bil-kliem "Direttur Ġenerali (Dwana)". Fil-fehma tat-Tribunal b'dan id-Digriet l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimat ġiet sorvolata u għaldaqstant jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

In kwantu rigwarda l-mertu, jiġi osservat li d-Deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Dwana) fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti, inkluża wkoll id-deċiżjoni datata 10 ta' Settembru 2015 u l-motivazzjonijiet bil-miktub datati 14 ta' Settembru 2015, hija ibbażata fuq opinjoni teknika dwar il-pannelli fotovoltaiċi importati mill-imsemmija soċjetà u l-konsegwenti klassifikazzjoni għall-finijiet ta' HS Code, mogħtija lid-Dipartiment tad-Dwana mill-Inġinier il-Professur Maurice Apap.

F'Rapport intitolat "Classification of JA Solar PV panel type JAP6(SE)-60-270/4BB/RE with embedded OPJ300-LV Solar Edge PV Optimiser" datat 4 ta' Settembru 2015[19], il-Professur Apap ikkonstata u kkonkluda li *the product presented is a Photovoltaic Polycrystalline Solar Module with 60 solar cells. Maximum Power of 270W and Maximum Power Voltage of 31.2V. The junction box incorporates a*

---

[18] Fol. 49 tal-proċess.
[19] Fol. 160 sa' 167 tal-proċess.

*module embedded PV optimiser which is a DC-DC converter that implements Maximum Power Point Tracking for the PV panel. The functionality of the PV optimiser is described in the attached report. Based on the functionality specified in the datasheet the components around which the PV optimiser circuit must be based are also indicated. The DC-DC converter within the PV optimiser is intended to control power flow in order to maintain maximum power output from the converter at all times. It is clear that such a DC-DC converter has control over the magnitude of the output current and has control over the output current direction. Considering a single PV panel with an embedded PV optimiser connected in a system including a battery and a dc load, it follows that when the PV panel cannot supply power due to low lighting conditions, the DC-DC converter in the PV optimiser will stop operating and block reverse power flow and therefore block reverse current. The PV Panel must therefore be considered to have the capability of control the direction of the output current and must therefore be classified under Combined Nomenclature heading 8501. The report concludes that the PV panel with embedded PV optimiser is classifiable under nomenclature code 8501310081. Its classification has been determined in accordance with the following: General Interpretative Rule (GIR) 1 has been used to classify this product by the terms of heading 8501 - Electric Motors and Generators (excluding generating sets), GIR 6 has been used to classify this product to subheading level 850131 - Other DC motors, DC generators; of an output not exceeding 750W, TARIC Code 8501310081 - Other; Crystalline silicon photovoltaic modules or panels consigned from the People's Republic of China, unless the products are in transit in the sense of article V GATT, therefore applies. Also classified in accordance with Harmonised System Explanatory Notes (HSEN) (II) to Heading 8501.*

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-17 ta' April 2018[20], il-Professur Maurice Apap spjega u xehed illi *bażikament il-pannelli kif spjegajt fir-rapport qegħdin iddisinjati biex jaħdmu flimkien ma' inverter biex jitfgħu enerġija fis-sistema AC però meta tieħu l-pannella waħdeha, li għandha magħha regolatur ta' dak li qed titfa' l-pannella, jiġifieri pannella normali jkollha solar cells u string ta' solar cells u by-pass diodes fil-junction box u f'dan il-każ għandha wkoll konvertitur li jieħu ħsieb li jitfa' l-aktar enerġija li jista' kull ħin u dak huwa xogħolu. Jiena ddeterminajt li dak il-konvertitur mhux ħa jħalli kurrent jidħollu lura fil-pannella u allura qed jiddetermina d-direzzjoni tal-kurrent u mxejt għall-klassifikazzjoni fuq dik il-bażi li qed iżżomm milli jidħol il-kurrent lura fil-pannella.* Ikkonferma li ikklasifika l-pannelli taħt HS Code ekwivalenti għal blocking diode, ossia HS Code 8501. Il-Professur Apap iddikjara li l-HS Code 8501 jipprovdi *Electric motors and generators - excluding generating sets u jiena kklassifikajtu 850131 'other DC motors, DC generators of an output not exceeding 750W'. Issa jekk insib in-nota relevanti "electric motors and generators - machines that produce electrical power from various energy sources (mechanical, solar, etc) are classified here, provided they are not more specifically covered by any other heading of the Nomenclature". Issa nista' naqbeż għall-biċċa li tkopri photovoltaic panels of photocells combined with other apparatus eg storage batteries and electronic controls (voltage regulator, inverter, etc) and panels or modules equipped with elements, however simple (for*

[20] Fol. 178 sa' 187 tal-proċess.

*example, diodes to control the direction of the current) which supply the power directly to, for example, a motor, an electrolyser.*

Mistoqsi dwar din l-aħħar parti tan-nota rigwardanti l-HS Code 8501, ossia *or modules equipped with elements, however simple (for example, diodes to control the direction of the current) which supply the power directly to, for example, a motor, an electrolyser,* u dwar jekk ikkunsidrax jekk il-pannelli in kwistjoni jaqgħux ukoll taħt l-aħħar parti ta' din in-Nota, il-Professur Apap wieġeb *ma nistax nikkonferma* u tenna *jiena kkonfermajt billi rajt ic-circuit mhux li hemm blocking diode. M'hemmx blocking diode fis-sens litterali imma s-circuit jikkontrolla d-direzzjoni tal-kurrent allura kklassifikajtu li huwa ekwivalenti ma' blocking diode.* Mistoqsi mill-ġdid *din il-kundizzjoni 'which supply the power directly to, for example, a motor, an electrolyser' ivverifikjatha jekk tissussistix jekk hijiex qiegħda hemm jew taf għall-inqas?* il-Professur Apap wieġeb *le kkonfermajt li jista' jikkontrolla d-direzzjoni tal-kurrent fl-output. ... Li kkonfermajt huwa li jżomm kurrent milli jidħol lura fil-pannella.* Mistoqsi mill-ġdid *imma issa qed nirreferik u weġibni jekk jogħġbok, din il-kwalifika "which supply the power directly to, for example, a motor, an electrolyser" dan il-fatt inti kkonstatajtu?* il-Professur Apap wieġeb *le dik ma dħaltx fiha.*

Fuq varji mistoqsijiet ta' l-Assistent tat-Tribunal John Mifsud, il-Professur Apap ikkonferma li l-uniku sors ta' enerġija tal-pannelli in kwistjoni hija x-xemx u għall-mistoqsija *allura kif iddeċieda li mexa 8501 u mhux 8541?* il-Professur Apap wieġeb *meta kkuntatjawni tad-Dwana kellhom concern jekk il-konvertitur kellux funzjoni bħal blocking diode u jiena kont iddeterminajt li mhux ħa jħalli enerġija tidħol lura fis-circuit il-konvertitur li hemm allura per eżempju jekk tqabbad batterija biex tiċċarġja batterija minnu l-eżempju li ġibt fir-rapport mingħajr diodes biex iżżomm il-kurrent imur lura, x'ħin jonqos id-dawl, il-batterija ħa tiddiscarġja minn ġol-pannella u dan il-konvertitur ħa jwaqqaf milli dik tiġri u minn hemm li Jiena kkomprajtha ma' blocking diode.* Żied jgħid li huwa kklassifika l-pannelli taħt l-HS Code 8501 *minħabba dak l-aspett għax minn aspetti oħra jiġifieri jiena kont qed inħares lejn każ speċifiku fejn Jista' jiġi qed jintuża pannella waħehda f'sistema DC, altrimenti huma ġeneralment intenzjonati biex jitqabbdu ma' inverters u l-enerġija tkun qed toħroġ mhux mill-pannella waħdeha imma meta l-pannella titqabbad ma' inverter.* Xehed ukoll illi kieku mhux minħabba tali kontroll fuq il-kurrent, allura kien japplika l-HS Code 8541.

Muri d-dokument Dok. "ISD4" a fol. 10 sa' 13 tal-proċess, il-Professur Apap ikkonferma li dan id-dokument, ossia Ruling H084604 mogħti ġewwa l-Istati Uniti fit-3 ta' Mejju 2010, *qed jagħmilha ċara illi elementi extra bħal ma huma by-pass diodes ma jagħtux il-kapaċità lill-pannella tissupplixxi l-enerġija direttament lil load esterna.* Mistoqsi għalhekk kif wasal għall-klassifikazzjoni tiegħu, il-Professur Apap tenna li *kif qed ngħidlek jiena mxejt mal-kliem li l-elementi għandhom il-kapaċità jikkontrollaw id-direzzjoni tal-kurrent, jekk testendiha li tissupplixxi lill-mutur, dik ma kontx ikkonfermejtha. Issa hawnhekk qed jgħid li iva trid tissupplixxi enerġija lill-mutur.*

In fine mistoqsi mit-Tribunal sabiex jagħti spjega tat-terms of reference tiegħu kif mogħtija mid-Dipartiment tad-Dwana, il-Professur Apap wieġeb *jiena rċevejt l-*

*inkarigu mingħand William Grech f'isem id-Direttur Ġenerali (Dwana) li nirċievi din il-pannella, neżaminaha u nikklassifikaha u tawni informazzjoni tal-kapitli tal-klassifikazzjoni tad-Dwana, jidhirli kienu kollha imma l-Kapitolu 85 huwa l-aktar wieħed relevanti. Kien hemm explanatory notes inklużi, kien hemm uffiċjal tad-Dwana li ma niftakarx min kien, li kien irreferieni għas-sistema TARIC tal-klassifikazzjoni Ewropeja li fiha wkoll fittxejt xi każijiet fejn ġie deċiż, għax jiena meta rajt li huma relevanti żewġ section headings, tiġi f'dilemma ta' fejn għandek tikklassifika u għamilt l-almu tiegħi biex ninterpretaha tajjeb u nieħu gost li għandi l-opportunità nirrevediha ħalli nikkonferma jew jekk kelli żball nikkoreġieh. Bażikament fittxejt klassifikazzjonijiet oħra u li kien hemm ma kienx japplika mill-qrib, inkluż il-każ li ġab eżempju ta' New York huwa każ 'l bogħod ħafna, prodott standard t'inverter, imma t-terminoloġija tagħmel enfasi fuq il-punt li kien qed jagħmel l-avukat* - ossia li l-pannella kif supplita bid-diode tistax tipprovdi kurrent/enerġija direttament lil, per eżempju mutur jew electrolyser.

Jirriżulta evidenti li in segwitu għax-xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' April 2018, il-Professur Maurice Apap ħass il-ħtieġa li jerġa jirrevedi l-opijoni tiegħu fid-dawl tal-kjarifiki li qamu waqt l-eżami tiegħu. Bħala fatt fis-26 ta' Frar 2019[21], il-Professur Apap ippreżenta Rapport ta' Kjarifika fejn wara serie ta' konsiderazzjonijiet ikkonkluda li ***dan ir-rapport għalhekk jirrakomanda li l-klassifikazzjoni ta' dawn is-solar panels taħt il-Kodiċi HS 85013100 tiġi riveduta u li dawn il-panels jiġu allura kklassifikati taħt il-Kodiċi HS 85414090[22]***.

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-26 ta' Frar 2019[23], il-Professur Apap spjega kif wasal għal din il-konklużjoni riveduta tiegħu u fir-rigward xehed: *meta jiena kont għamilt l-analiżi biex nagħti parir lid-Dwana kont iffukajt fuq dawn is-solar panels jistax ikollhom att funzjoni li jaġixxu bħal blocking diode għaliex blocking diode per se ma fihomx. Imma hemmhekk kont qed inħares lejn jekk hux att possibli jġibu ruħhom hekk. Fir-realtà anke f'dak ir-rapport fejn kont nagħti parir lid-Dwana, kont ktibt li ċarament mhumiex intenzjonati is-solar panels jintużaw hlief ma' inverter jiġifieri dak kien ikun każ eċċezzjonali. Irriżulta li jiġifieri jiena ħadt nota tal-karti li ssottomettew tal-ISD Limited u ġej għaliha. Irriżulta li meta qed nerġa' nħares għandux jiġi kklassifikat bħala dc generator jew bħala solar panels li jaqgħu taħt photovoltaic modules taħt heading 8541. L-iktar importanti huwa tara jekk huwiex magħmul biex jitqabbad dc load direttament miegħu. Jiena fir-rapport kont tajt eżempju fejn dan seta' jiġi però wara li erġajt eżaminajt il-każ kont qed nara li sibt każ ta' eċċezzjoni li ma jirrappreżentax l-użu mistenni tal-prodott, li l-prodott huwa fil-fatt magħmul biex jitqabbad ma' inverter u għalhekk ma huwiex dc generator. Issa jiena fittxejt fuq l-użu ta' pannelli solari li dejjem jiġu klassifikabbli taħt 8541 u wieħed jista' wkoll jagħmel użu eċċezzjonali tagħhom. Issa dan li kellu u li kien jagħmel il-każ diffiċli kien li huwa kumbinazzjoni ta solar panel standard bil-bypass diode imma tinkorpora fiha kontrollur elettroniku li taħt il-heading 8501 jissemma' li jekk għandek kontrollur elettroniku jista' jiġi klassifikat taħt jew dc generator jew ac generator skont it-tip ta' kontrollur. Jekk hu inverter mhuwiex il-każ dak. Fil-fatt kien hemm rulings li juru li dak jiġi ac generator għaliex jekk fih inverter mill-ewwel irid jitqabbad mad-dawl ac. Però, f'dan il-każ, dan huwa*

[21] Fol. 198 sa' 204 tal-proċess.
[22] Enfasi tat-Tribunal.
[23] Fol. 205 sa' 211 tal-proċess.

*kontrollur magħmul kif qed nirrepeti fir-rapport li għaddejt, huwa kontrollur magħmul biex il-pannella tibqa' ġġib ruħha ta' pannella li titqabbad ma' inverter imma jitjieb ir-rendiment tagħha bħala pannella. Li jiena ffukajt fuq jistax jintuża bħala dc generator qed nara każ ta' eċċezzjoni fejn inti tista' tużah b'xi ħaġa illi ma kinitx intenzjonata u fil-fatt fir-rapport hawnhekk iddettaljajt għaliex jiena fir-rapport in ġenerali li tajt lid-Dwana kont rajt li jista' jkun possibli li jintuża hekk u ma espandejtx li ngħid kemm hu probabbli dak l-użu u kemm hu magħmul għal użu ieħor. Hawnhekk jiena espandejt fuq il-modi li hu intenzjonat jintuża. Dejjem hemm 3 modi kif inhu intenzjonat li jintuża u dejjem huma ma' inverters. Id-dokumentazzjoni ta' min jipproduċi dan l-apparat ma tagħmel ebda referenza għalih bħala dc generator u dik kont għamiltha a bażi tal-fatt li fih dan il-kontrollur elettroniku minnu imma lment ma kienx jippreżenta ruħu ma' pannelli fotovoltaiċi klassifikabbli taht l-8541. Jiġifieri jiena għall-finijiet ta' kjarifiki tal-punti li tqajmu fis-seduta ta' April li għadda qed nirrispondi fir-rapport u fir-rigward ta' dawk id-dokumenti li ssottomettiet l-ISD Limited huwa dokument relevanti ħafna mil-lat li dawn huma solar panels prattikament identiċi (huma qalu identiċi u huma prattikament l-istess) jiġifieri l-istess tip ta' kontrollur l-istess tip ta' pannella. Bażikament dawn inxtraw mingħand il-JA Solar JNBH ibbażata l-Ġermanja li din fuq l-ordni ta' dawn il-pannelli mill-ISD Limited irranġat li dawn jidħlu mid-Dwana Rotterdam jiġifieri daħlu l-Olanda f'Rotterdam, hemmhekk għaddew mid-Dwana, ġew klassifikati taħt il-heading 8541 bħal pannelli fotovoltaiċi normali. Li nosserva biss u osservajt fir-rapport, li jiena xtaqt nilħaq il-konklużjonijiet tiegħi indipendenti minn x'jgħid dak id-dokument u nagħti r-raġuni. Dak id-dokument jagħti dikjarazzjoni li huma solar modules. Ma hemm l-ebda riferiment li għandhom integrati kontrollur elettroniku fihom li ma nistgħaġibx għaliex jekk huma meqjusin bħala pannelli normali se jkunu kitbu illi huma pannelli fotovoltaiċi. M'iniex qed ngħid illi hemm xi ħaġa ħażina imma qed ngħid biss li dawk id-dokumenti standard tad-Dwana ma jagħtux ġustifikazzjoni ta' għaliex jaqa' taħt heading jew ieħor u jiena nħoss li jekk bir-rapport tiegħi nirrakkomanda li jiġi rivedut klassifikazzjoni għandi nagħti raġunijiet għaliex u għalhekk filwaqt li ħadt konjizzjoni ta' dawk id-dokumenti li huma relevanti għaliex huma l-istess tip ta' pannelli xorta ma bbażajtx kwalunkwe konklużjonijiet fuq dawk id-dokumenti. Jekk nista' naqra l-aħħar biċċa tar-rapport li bażikament qed ngħid li "Mid-deskrizzjoni tal-użu intenzjonat ta' dawn is-solar panels kif deskritt f'punt 5 fejn nespandi fil-modi kollha li jista' jintuża u l-użu possibli tagħhom bħala dc generator f'punt 6 fejn jiena nindaga kif jistgħu jintużaw bħala dc generator u juri li fil-fatt jiena kont qed nara għadx huwa possibli u għaliex dehrli li jista' jkun possibli allura kkunsidrajthom hekk u issa kont qed nosserva li ma kienx il-mod korrett kif wieħed jipproċedi. Joħroġ ċar li dawn is-solar panels huma maħsubin jew iddisinjati biex itejbu r-rendiment tas-solar panels meta dawn jintużaw biex jiġġeneraw l-enerġija elettrika ac milli jitqabbdu mas-sistema elettrika permezz ta' inverter. Filwaqt li l-użu eċċezzjonali ta' dan it-tip ta' solar panel b'sistema dc bħala dc generator jista' jkun teknikament possibli kif nuri f'punti 5 u 6 jiġifieri l-konklużjonijiet ta' kif jista' jintuża m'iniex qed nibdilhom imma l-klassifikazzjoni iva. Ikun qed isir biss użu marġinali tal-funzjonijiet tal-PIO Optimizer jiġifieri dan id-disinn ġie ddisinjat biex jagħtik numru ta' benefiċċji meta jintuża biex jagħti rendiment aħjar tal-pannelli flimkien ma' inverter u dan għaliex dan il-panel ma kienx maħsub għal dan l-użu bħala dc generator wieħed irid ukoll jikkunsidra li l-industrija tal-enerġija solari qiegħda titfa' saħħitha prinċipalment fl-użu tas-solar panels biex tiġi ġġenerata l-*

*enerġija elettrika easy permezz ta' inverter u l-użu ta' solar panels mingħajr inverters huwa ħafna iktar rari u normalment jinvolvu panels b'numru ta' ċelloli solari differenti ta' dawn il-panels li jqerreb iktar voltaġġi li komunament jintużaw għal applikazzjonijiet dc bhal 12-il Volt jew 24 Volt. Jiġifieri jkunu konfigurati b'numru differenti ta' ċelloli solari l-pannelli intenzjonati għal biex jintużaw waħedhom bħala dc source. Billi l-kontrollur elettroniku integrat f'dawn is-solar panels ġie żviluppat biex jintuża f'sistema ta' solar panels li jitqabbdu ma' inverter bl-istess mod kif jintużaw solar panels konvenzjonali imma bil-vantaġġi miżjuda li joffru l-panels bil-PIO Optimizer integrat u billi meta wieħed jipprova juża' l-pannelli solari li għandhom il-kontrollur elettroniku b'sistema dc mingħajr inverter jirriżulta li jintilef l-benefiċċju ta' bosta mill-funzjoni ta' dan il-kontrollur elettroniku li dan juru li ċarament ma kienx intenzjonat biex jintuża hekk għandha tintlaħaq il-konklużjoni li dawn is-solar panels u l-PIO Optimizers integrat ma jistgħux jitqiesu li huma equipped with elements which supply power directly to external dc load. Għalhekk dan ir-rapport jirrakkomanda li l-klassifikazzjoni ta' dawn is-solar panels taħt il-kodiċi HS850131 tiġi riveduta u li dawn il-panels jigu allura klassifikati taht il-kodici HS85414090.*

Il-Professur Apap tenna li l-konvinċiment oriġinali tiegħu kien li *dan jaġixxi bħala blocking diode. Ma huwiex blocking diode imma jista' jaħdem bħalu f'ċertu kundizzjonijiet. Issa jiena waqt li qed nara rulings li ngħataw l-Amerka, kont rajt 2 rulings partikolarment interessanti fejn wieħed kien ruling li rrefera għalih hawnhekk fil-qorti Dr. Mark Vassallo fis-seduta ta 'April li kien fejn id-Dwana fl-Amerka għal xi raġuni kienu kklassifikaw pannelli normali bil-bypass diode biss bħala dc generator imbagħad din kienet ġiet ikkontestata mbagħad kienu kkoreġew dik il-pożizzjoni u kien hemm ruling ieħor li jikklassifika pannella li għandha integrata inverter magħha bħala ac generator. Dik rajtha relevanti għaliex hemmhekk tefa 'kjarezza fuq tip ta' kontrollur li jiġġenera ac u jitqabbad dirett mad-dawl. Dan mhuwiex dak it-tip imma dan irid dejjem jitqabbad ma' inverter, kważi dejjem. Jiġifieri trid xi ħadd pjuttost espert biex tqabbdu b'mod differenti.*

Fix-xhieda tiegħu l-Professur Maurice Apap iddikjara li huwa bbaża din l-opinjoni ta' kjarifika *fuq li ħassejt li kelli nerġa' nikkunsidra t-totalità ta' l-argumenti tiegħi għaliex il-heading tad-Dwana ma jieqafx fuq jekk hemmx blocking diode jew le. Dik fil-fatt hija l-explanatory note li tirreferi għall-blocking diode li mhijiex legally binding. Li tibbaża hija fuq jekk huwiex adatt biex jipprovdi, biex jitqabbad miegħu direttament dc load u jiena spjegat kif ma narax kif normalment għandu pannella li qeigħda magħmula biex f'kull ħin tara kemm hemm enerġija potenzjali mill-pannella u titfa' dik l-enerġija fuq l-output tagħha f'kull ħin mhijiex konsistenti ma' kif għandu jġib ruħu supply ta' dc generator - kemm jekk biex tiċċarġja batterija jew biex tqabbad dc load ġenerali.* Il-Professur Apap ikkonferma li l-Explanatory Notes għall-HS Codes, għad illi ma ġewx ripetuti fir-Rapport ta' Kjarifika tiegħu in kwantu già kienu ndikati fl-ewwel Rapport li rrilaxxa lid-Direttur Ġenerali (Dwana), dawn kienu f'moħħu waqt li qed jirrevedi l-kwistjoni u fir-rigward xehed *jiena mxejt fuq l-Explanatory Notes u rajt il-każ li huwa eċċezzjoni, imma eċċezzjoni rari u nista' ngħidlek li meta kien ingħata l-ġudizzju fuq il-każ ta' Trinasolar Panels fis-sena 2010 fl-Amerka kien ukoll ġie osservat kemm is-suq tal-pannelli huwa mitfugħ fid-direzzjoni tal-ġenerazzjoni ta' l-elettriku ac. Però dawk kienu pannelli li kienu perfettament klassifikabbli taħt il-heading 8541. F'dan il-każ dejjem kien hemm l-*

*element li l-pannella hija kkombinata ma' xi ħaġa li kont illum li jista' jkun klassifikabbli għalih u jiġi taħt Code ieħor dejjem taħt Chapter 85 għaliex huwa prodott elettroniku. Però meta inti tikkombina 2 prodotti, il-heading 3 tal-General Interprative Rules jindika li inti trid timxi ma' dak il-prodott, subject li provisions oħra ma jkunux digà applikaw qabel, tasal fiha li inti dak il-prodott li jagħti l-karatteristriċi prinċipali li l-kombinazzjoni tal-prodott huwa dak li japplika u f'dan il-każ huwa ċertament il-pannella u allura dejjem bqajna 8501 j32 8541 għaliex il-pannella tista' taqa' taħt dik u jiena rrevedejt l-opinjoni tiegħi.*

In risposta għall-mistoqsija tat-Tribunal: *jiġifieri jekk qed nifhmek sew, għalkemm f'dan il-każ minħabba dan il-kontrollur elettroniku teżisti din l-eċċezzjoni, fil-verità bħala funzjonalità però hija ridotta ħafna?* il-Professur Apap wieġeb *ħalli nespandi ħaġa għaliex qed insemmi kemm hu relevanti l-kontrollur elettroniku. Id-Dwana għandhom raġun jinkwetaw meta jaraw kontrollur elettroniku miżjud fil-junction box meta l-junction box huma mdorrijin jaraw biss 3 bypass diodes. Issa dan il-kontrollur elettroniku x'jista' jagħmel? Waħda mill-inkwiet tiegħi kienet li inti kontrollur ikollu parti li tista' tiġi programmata u qed tikklassifikah mod u jerġa' jiġi programmat għaliex fil-fatt dan biex jista' jintuża dc trid biċċa apparat speċjali biex titfilu sigura miżura ta' sigurtà li fih, tissejjah safe dc li inti jekk din m'għandekx l-apparat biex titfihielu jista' biss jintuża ma' l-apparat ta' l-istess kumpanija Solar Edge li jikkomunikaw bejniethom u x'ħin ikun mixgħul l-inverter biss dawn jibdew jitfgħu l-enerġija. Jiġifieri wieħed jista' anke jgħid, imma ma rridx nuża' dan l-argument, li hekk kif ippreżentat id-Dwana bħal' issa ma jistax jintuża bħala prodott dc. Imma billi dan l-apparat wieħed jista' jġibu u jiġi riprogrammat allura jiena kkunsidrajtu b'dak il-mod separat. Qed ngħidha għaliex dawn huma affarijiet li jikkumplikaw dejjem il-konsiderazzjoni li wieħed jrid jagħmel.*

Mir-Rapport ta' Kjarifika tal-Professur Maurice Apap u mix-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Frar 2019, jirriżulta ben ċar li s-soċjetà Rikorrenti kienet u għadha ferm ġustifikata li tikkontesta d-Deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Dwana), a sua volta bbażata fuq id-deċiżjoni ta' l-10 ta' Settembru 2015 skond il-motivazzjonijiet bil-miktub datati 14 ta' Settembru 2015, u f'li tippretendi li l-istess tiġi debitament revokata. In effetti huwa issa evidenti, anke a detta ta' l-Espert nominat mid-Direttur Ġenerali (Dwana), li l-pannelli fotovoltaiċi mertu ta' dawn il-proċeduri kellhom u għandhom jiġu kklassifikati taħt l-HS Code 8541, kif oriġinarjament dikjarati mis-soċjetà Rikorrenti fid-dokumentazzjoni ta' l-importazzjoni, u mhux taħt l-HS Code 8501, kif invece ġew ikklassifikati mid-Direttur Ġenerali (Dwana).

F'tali rigward u minkejja dak li issa kjarament jirriżulta mill-posizzjoni riveduta tal-Professur Maurice Apap, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu d-Direttur Ġenerali (Dwana) jikkontendi li *mix-xhieda tal-Professur Apap joħroġ b'mod lampanti kemm l-esponent fittex parir espert qabel ma ħa d-deċiżjoni tiegħu. Jgħid kif id-Dwana, qabel ma ħadu kwalunkwe deċiżjoni finali, kkonfermaw mal-Professur li huwa kien ċert dwar il-konklużjoni tiegħu li l-merkanzija taqa' taħt l-HS Code 8501 u mhux 8541. Għalhekk żgur ma jistax jingħad li l-esponent ma ħax dawk il-passi kollha neċessarji u raġjonevolment mistennija minnu qabel wasal għad-deċiżjoni li din il-merkanzija kienet taqa' taħt l-HS Code 8501. Illi lanqas ma jista' jingħad li l-esponent kien b'xi mod jew ieħor abbużiv fil-ġestjoni tal-vertenza, u dan għaliex kif*

*jgħid il-Professur Apap "id-Dwana għandhom raġun jinkwetaw meta jaraw kontrollur elettroniku miżjud fil-junction box meta l-junction box huma mdorrijin jaraw biss 3 bypass diodes". Kull pass u deċiżjoni li ħa l-esponent kienet unikament sabiex jissalvagwardja l-erarju pubbliku u sabiex ma jinħoloqx żbilanċ bejn negozjanti li joperaw fl-istess qasam. Illi finalment, il-Professur Apap xehed ukoll li sa' dakinhar tax-xhieda tiegħu tas-26 ta' Frar 2019, id-Dwana ma kienx għad għandha konjizzjoni tar-rapport ta' kjarifika mħejji mill-istess Professur, u b'hekk żgur mhux forsi li sa' dak il-punt l-esponent bl-ebda mod ma seta' jirrevedi l-posizzjoni tiegħu*[24].

It-Tribunal huwa kemm xejn perpless b'din is-sottomissjoni tad-Direttur Ġenerali (Dwana) partikolarment jekk hija intiża bil-għan li l-appell tas-soċjetà Rikorrenti jiġi miċħud. Għalkemm id-Direttur Ġenerali (Dwana) seta' mexa b'mod għaqli u ottjena l-opinjoni teknika meħtieġa qabel ma ħa d-deċiżjonijiet li ħa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti, xorta jibqa' l-fatt li llum dik l-opinjoni teknika li fuqha bbaża ruħu id-Direttur Ġenerali (Dwana) inbidlet fis-sens illi kif minn dejjem sostnut mis-soċjetà Rikorrenti, il-pannelli fotovoltaiċi minnha importati b'TDID No. 201560241110 f'Settembru 2015 kellhom jiġu kklassifikati taħt l-HS Code 8541 u mhux taħt l-HS Code 8501. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk it-Tribunal ma għandux triq oħra għajr li jilqa' l-appell tas-soċjetà Rikorrenti u jordna lid-Direttur Ġenerali (Dwana) sabiex l-importazzjoni ta' pannelli fotovoltaiċi da parte tas-soċjetà Rikorrenti f'Settembru 2015 b'TDID No. 201560241110 tiġi kklassifikata taħt HS Code 8541 u konsegwentement kull dażju u/jew taxxa imposti fuq l-imsemmija soċjetà a bażi tal-klassifikazzjoni taħt HS Code 8501 jiġu lilha rifuż in kwantu minnha indebitament imħallsa.

Is-sottomissjoni tad-Direttur Ġenerali (Dwana) tista' se mai għandha xi forma ta' rilevanza għall-finijiet ta' spejjeż, kif donnu jagħti wieħed x'jifhem l-istess Direttur Ġenerali meta fin-Nota Responsiva tiegħu jikkontendi li *fid-dawl tal-fatt li l-esponent: i) mexa b'mod raġonevoli fit-teħid tad-deċiżjoni tiegħu (dejjem bil-ħsieb aħħari li jissalvagwardja l-erarju pubbliku); ii) fittex parir espert dwar il-klassifikazzjoni tal-HS Code; iii) saħansitra kkomunika mad-DG Trade dwar l-istess klassifikazzjoni, liema DG Trade ikkomunikat li l-interpretazzjoni dwar il-klassifikazzjoni hija waħda ta' kompetenza nazzjonali; u iv) minħabba n-novità tal-materja kif anke xehed il-Professur Apap, jkun xieraq li fir-rigward ta' l-ispejjeż, dawn għandhom jibqgħu mingħajr taxxa*[25].

Hawn ukoll però t-Tribunal ma jistax jaqbel mas-sottomissjoni, nonche talba tad-Direttur Ġenerali (Dwana), li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti. Għalkemm id-Direttur Ġenerali (Dwana) jista' jidhirlu li għar-raġunijiet mogħtija minnu, huwa mexa b'mod raġonevoli fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti, it-Tribunal josserva li meta s-soċjetà Rikorrenti , ai termini ta' l-Artikolu 9(1) tal-Kap.337 tal-Liġijiet ta' Malta, appellat lid-Direttur Ġenerali (Dwana) għar-reviżjoni tad-deċiżjoni ta' l-10 ta' Settembru 2015 bażata fuq il-motiviazzjonijiet bil-miktub mgħarrfa lilha fl-14 ta' Settembru 2015, u dana a bażi ta' l-istess argumentazzjonijiet imressqa quddiem dan it-Tribunal u li bihom ġie ikkonfrontat il-Professur Apap meta xehed waqt is-seduta tas-17 ta' April 2018, ma

[24] Para. 15 sa' 18 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-Direttur Ġenerali (Dwana), fol. 233 tal-proċess.
[25] Para. 19 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-Direttur Ġenerali (Dwana), fol. 233 u 234 tal-proċess.

jirriżultax li f'dak l-istadju d-Direttur Ġenerali (Dwana) kien ġab dawn l-argumentazzjonijiet a konjizzjoni tal-Professur Apap u b'hekk reġa' kkonsulta miegħu dwar materja tant teknika. Li dan ma sarx jirrizulta ben ċar mid-Deċiżjoni stess, fejn id-Direttur Ġenerali (Dwana) jsostni li l-appell lilu mis-soċjetà Rikorrenti mhux ġustifikat għaliex *inter alia the optismisers quoted do not contain a bypass diode, but a blocking diode, as already explained in points number 3 above.* L-imsemmija point number 3 tipprovdi li *the combined Nomenclature explanatory notes to CN heading 8541 clearly states that PV panels that are equipped with blocking diodes are excluded from CN heading 8541. This is very clearly indicated in the explanatory notes.*

Fid-dawl ta' dan għalhekk it-Tribunal iqis li oltre l-fatt li d-Direttur Ġenerali (Dwana) għandu jikklassifika l-pannelli fotovoltaiċi importati mis-soċjetà Rikorrenti b'TDID 2015602411110 taħt HS Code 8541 u mhux taħt HS Code u konsegwentement jirrifondi lill-imsemmija soċjetà kwalunkwe dazju u/jew taxxa minnha mħallsa minħabba l-klassifikazzjoni żbaljata ta' l-imsemmija panelli fotovoltaiċi taħt HS Code 8501, l-istess Direttur Ġenerali (Dwana) għandu jbagħti l-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi:

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimat;
2. Jilqa' l-appell tas-soċjetà Rikorrenti mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Dwana) datata 23 ta' Ottubru 2015 u b'hekk jiċħad l-oġġezzjonijiet tad-Direttur Ġenerali (Dwana) għall-imsemmi appell; u
3. Konsegwentement: (a) jiddikjara li l-pannelli fotovoltaiċi importati mis-soċjetà Rikorrenti b'TDID No. 2015602411110 ġew erronejament klassifikati mid-Direttur Ġenerali (Dwana) taħt HS Code 8501; (b) jiddikjara li l-istess imsemmija pannelli fotovoltaiċi għandhom jiġu kklassifikati taħt HS Code 8541.40; (ċ) jordna lid-Direttur Ġenerali (Dwana) jikklassifika l-pannelli fotovoltaiċi importati mis-soċjetà Rikorrenti b'TDID No. 2015602411110 taħt l-HS Code 8541,40; u (d) jiddikjara li d-Direttur Ġenerali (Dwana) għandu jirrifondi lis-soċjetà Rikorrenti kwalunkwe dazju u/jew taxxa imħallsa minnha minħabba l-klassifikazzjoni żbaljata ta' l-imsemmija panelli fotovoltaiċi taħt HS Code 8501.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu a karigu esklussiv tad-Direttur Ġenerali (Dwana).

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**